# PROGRAMM

TAL-FESTI SOLENNI

LI SEJRIN ISIRU

B'TIFKIRA

# TAD-DOMMA TA' L-ASSUNZJONI

Fil-PARROĊĊA TA L-IMQABBA

— 19 TA' AWISSU 1951 —



STATWA TA' MARIJA ASSUNTA

meqjuma

Fil-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

EMPIRE PRESS

# PROG

## FESTI FIL-KNISJA

**30 ta' Lulju** — Bidu tal-Kwindiċina. Fis-7.30 p.m. Għasa... vuċijiet, Kurunella, Salve u Litanija, Antifona u Barka Sagramentali. Jiffunzjona l-Ill.mu u Rev.mu Monsinjur G.B. Ghigo, Kanonku tal-Kattidral.

**12 ta' Awissu.** — Fl-4.30 p.m. Għasar, Kurunella, Salve u Litanija. Wara l-Barka Sagramentali ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa bid-daqq tal-qniepen u l-kant ta' l-Innu Ave Maris Stella u Antifona.

**14 ta' Awissu.** — Fil-5.00 p.m. Għasar u Barka Sagramentali. Konfessuri straordinarji għall-Qrar.

**15 ta' Awissu.** — Fis-6.15 a.m. Quddiesa baxxa bil-fervorin mill-Kappillan Dun Gerard Mangion u Tqarbina ġenerali mill-Kumitat u mill-Membri tal-Każin ta' Santa Marija. Fit-8.30 a.m. Quddiesa kantata bil-vuċijiet mill-W. Rev. Dun Ġużepp Xuereb.

Fl-4.30 p.m. Għasar bil-vuċijiet, priedka mill-W. Rev. Dun Angelo Ghigo D.D., Arċipriet tal-Furjana, Innu, Salve u Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

Jiffunzjona l-W. Rev. Dun Ġużepp Portelli.

**16 ta' Awissu.** — Fis-6.15 a.m. Quddiesa kantata mill-W. Rev. Dun Ġużepp Portelli.

Fis-7.00 p.m. Għasar, priedka mill-W. Rev. Dun Lawrenz Spiteri D.D., Kappillan tar-Rabat, Innu, Salve u Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

Jiffunzjona l-W. Rev. Dun Raimondo Ellul.

**17 ta' Awissu.** — Kollox bħall-ġurnata ta' qabel. Priedka mill-W. Rev. Dun Innoċenz Zammit, Kappillan ta' l-Imsida.

Jiffunzjona l-W. Rev. Dun Ġużepp Xuereb.

**18 ta' Awissu.** — Fis-7.30 a.m. Quddiesa kantata bil-vuċijiet mill-W. Rev. Dun Ġużepp Xuereb. Te Deum bħala konklużjoni tat-Tridu, Innu u Antifona.

Fil-5.30 p.m. Traslazzjoni solenni tar-Relikwja, immexxija mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Emm. Galea D.D., Isqof Tit. ta' Tralles u Vigarju Ġenerali ta' Malta, assistit mill-W. Rev.mu Kapitlu ta' San Pawl tal-Belt. Għasar bil-mużika, Kompieta, Salve, Litanija u Barka Sagramentali mill-Ill.mu u Rev.mu Monsinjur G.B. Ghigo.

**19 ta' Awissu.** — Fl-4.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali. Fil-5.30 a.m. Matutin solenni bir-Responsorji bil-mużika. Fil-5.30 u fis-6.15 a.m. Quddies baxx. Fis-7.15 a.m. Quddiesa baxx bit-Tqarbina ġenerali mill-Ill.mu u Rev.mu Monsinjur tal-Kattidral. Fit-8.45 a.m. l-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima jitlaq proċessjonalment mid-Domus Curialis għall-Knisja Parrokkjali, akkompanjat minn membri tal-Kapitlu Metropolitan u mill-Kleru. Wara l-kant tat-Terza, Quddiesa Pontifikali li għaliha l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolita jassisti minn fuq it-Tron. Wara l-Vanġelu l-W. Rev. Patri Alan Fenech, S.Th.D., O.P., jinseġ il-Paniġirku ta' l-Assunta. Wara l-Quddiesa Pontifikali ssir il-Proċessjoni tat-Terza. Wara l-Barka Sagramentali Quddiesa baxxa.

Fil-5.15 p.m. Għasar bil-mużika, Kompieta u Proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' Santa Marija, immexxija mill-Ill.mu u Rev.mu Monsinjur G.B. Ghigo, Salve, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali. Il-festi fil-Knisja jingħalqu bl-Oskolu tar-Relikwja.

Il-mużika fit-Tridu u fil-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Vincenzo Bugeja.

RAMM

## FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju.** — Wara l-Barka Sagramentali marċ u programm mill-Banda "King George V" bl-Innu ta' l-Ave kantat mit-tfal bniet.

**12 ta' Awissu.** — Wara l-funzjoni fil-Knisja tal-ħruġ ta' l-Istatwa, il-Banda "King George V" tagħmel marċ u programm mużikali. Luminazzjoni.

**15 ta' Awissu.** — Fis-6.00 a.m. il-Kumitat u l-Membri tal-Każin ta' Santa Marija imarċjaw għall-Knisja fejn jassistu għall-Quddiesa baxxa mill-W. Rev. Kappillan u ssir Tqarbina ġenerali. Wara l-Quddiesa kantata l-Banda "King George V" tagħmel marċ mar-raħal u ddoqq marċijiet ġodda u brijużi.

**16 ta' Awissu.** — Wara l-funzjoni fil-Knisja, il-Banda "Maria Lourdes [redacted]" tal-Qrendi tagħmel marċ u programm mużikali. Luminazzjoni parzjali.

**17 ta' Awissu.** — Wara l-Barka Sagramentali l-Banda "King George V" tagħmel marċ u programm fir-raħal. Luminazzjoni ġenerali.

**18 ta' Awissu.** — Luminazzjoni ġenerali. Il-Baned "Queen Victoria", taż-Żurrieq, u "Marsa Band", tal-Marsa, wara marċijiet mat-toroq tar-raħal, jagħmlu programmi mużikali f'Misraħ il-Knisja. Fl-10.30 p.m. logħob tan-nar mekkaniku, maħdum mid-dilettanti tar-raħal.

**19 ta' Awissu.** — Wara l-Quddiesa Pontifikali, il-Banda lokali "King George V" tilqa' bl-Innu tal-Papa lill-Eċċ.za Tiegħu Reverendissima l-Arċisqof Metropolita, akkompanjat mill-Kapitlu tal-Kattidral u mill-Kleru tal-Parroċċa, fiż-żjara li ġentilment għoġbu jaċċetta li jagħmel lill-Każin ġdid ta' Santa Marija. Fil-5.00 p.m. marċijiet brijużi u programmi mużikali mill-Baned "Beland" taż-Żejtun, "St. Catherine" taż-Żurrieq, u "St. Joseph" tal-Ħamrun. Waqt il-Proċessjoni l-Banda 'King George V' iddoqq Innu lill-Assunta, kantat mit-tfal bniet tar-raħal akkompanjati mit-Tenur John Lopez u mill-Baritonu Bezzina, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Leonard Spiteri mill-Imqabba.

**26 ta' Awissu.** — Jagħalqu l-Festi ta' l-Assunta marċ u programm mill-Banda "King George V" ta' l-Imqabba.

### VIVA MARIJA ASSUNTA

---

### SUB TUUM PRAESIDIUM

Taħt il-Patroċinju Tiegħek aħna nistkennu, Imqaddsa Omm Alla, la tistmerrx it-talb tagħna fi ħtieġijietna, iżda eħlisna mit-tfixkil kollu, o Verġni glorjuża u mbierka.

V. Iddenja ruħek, o Verġni Mbierka, li jiena nfaħħrek.

R. Tini l-qawwa kontra l-għedewwa tiegħek.

Nitolbu.

Nitolbuk, o Sinjur, li tinsa l-ħtijiet tal-qaddejja tiegħek: u billi aħna ma jirnexxilniex nogħġbuk bl-opri tagħna, inkunu nistgħu nsalvaw bl-interċessjoni ta' l-Omm l-Iben tiegħek, Sinjur tagħna, li miegħek qed igħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Hekk ikun.

# INNU
# LIL MARIJA ASSUNTA

*Esegwit mill-Banda "King George V" ta' l-Imqabba, fl-okkażżjoni ta' l-ewwel Festa fuq il-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni mill-Papa Piju XII*

(rit.) Ħallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l-uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,

Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Ħallina ntennulek.........

Miksija bid-dija
Li żżżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-sliem.

Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Ħallina ntennulek.........

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieh,

U Lilek issellem,
Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.

(rit.) Ħallina ntennulek.........

JOSEPH M. GHIGO, S.J.

Nihil Obstat.
Die Aprilis, 1949.
P. Alfonsus M. Camilleri, O.F.M.
Cens. Theol.